**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija llum, it-Tlieta, l-ewwel (1) ta' Lulju 2025

Kawża Nru 606/2024

**Il-Pulizija**
***(Spettur Josef Gauci)***

**Vs**

**Simon Peter Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Simon Peter Farrugia**, iben Louis u Salvina nee' Portelli, imwieled fl-erbgħa (4) ta' Diċembru 1978 u residenti 28, Triq l-Arċipriet Ġamri Camilleri, Għarb, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 01779(G) talli nhar l-għoxrin (20) ta' Lulju 2024 għall-ħabta tas-sitta

ta' filgħodu (06:00hrs) u fil-ġranet ta' wara, ġewwa għalqa fil-limiti ta' Triq Għajn Qasab, Nadur, Għawdex:

(1) bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew ħatt bini, jew kiser il-mixi tal-ilma jew ħa l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, għad-dannu ta' Saviour Vella u Andrew Vella.[1]

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Saviour Vella u Andrew Vella skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti;

Rat l-affidavit esebit;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet lill-akkużat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju;

Semgħet ix-xhieda prodotti mid-Difiża;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

[1] Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti:

Fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju 2024, Simon Peter Farrugia rrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex li fl-għoxrin (20) ta' Lulju 2024 għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu (06:00hrs) waqt li huwa kien fl-għalqa tiegħu li tinsab fin-Nadur fit-triq li tieħu għar-Ramla l-Ħamra, faċċata taċ-ċimiterju l-ġdid tan-Nadur, żewġt rġiel daħlu fl-għalqa tiegħu u bdew jgħajtu miegħu. Farrugia spjega li dawn in-nies bdew jgħidlu li huwa kien bena kullimkien u li huma kellhom dritt jgħaddu minn ġo tiegħu.

Farrugia kompla jgħid wkoll li dakinhar tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju 2024, huwa reġa' sab fl-għalqa tiegħu wieħed mill-irġiel li kien kellmu tlett ijiem qabel. Farrugia indika li dan ir-raġel kien Salvu Vella u għarfu bħala l-istess raġel li kien mar fl-għalqa tiegħu aktar qabel flimkien ma' ibnu Andrew Vella. Salvu Vella beda jgħid lil Farrugia, li Farrugia kien sejjer jiġi fl-inkwiet għax Farrugia kien bena u għaliex nofs ir-raba' fejn kien Farrugia kienet tiegħu. Farrugia sostna miegħu li huwa kellu l-karti kollha li jindikaw li l-għalqa kienet tiegħu.

Il-Pulizija tkellmu ma' Andrew Vella fejn dan sostna li fl-għoxrin (20) ta' Lulju 2024 kienu marru fejn Farrugia biex ikellmuh u jistaqsuh x'kien għamel. Vella sostna li Farrugia kien qalilhom sabiex jagħtuh ċans u li kien se jagħtihom ċavetta biex b'hekk ikollhom aċċess bħal qabel. Vella kompla jgħid li Farrugia kien qalilhom li kien sejjer jirranġa xi dura u passaġġ billi jneħħi l-ħitan li kien

għamel ġewwa fih. Skont Andrew Vella, Farrugia kien qalilhom li miegħu ma kienx sejjer ikollhom inkwiet u li kollox kien sejjer jittranġa.

Il-Pulizija tkellmu wkoll ma' Saviour Vella fejn dan qal li nhar l-għoxrin (20) ta' Lulju 2024 huwa kien mar ikellem lil Farrugia flimkien ma' ibnu Andrew Vella. Dan għaliex skont huma Farrugia kien għalqilhom l-mogħdija. Simon kien qallu li kien se jirranġa kollox u kien anke se jagħtih ċavetta tal-gate li kien għamel.

Il-Pulizija ipproċedew sabiex ħarġu l-akkuża odjerna fil-konfront tal-akkużat;

Ikkunsidrat;

L-akkuża li qiegħda tiġi addebitata lill-akkużat hija dik ta' ragion fattasi kontemplata fl-artikolu 85(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Eżami dettaljat tal-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat sar mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et**.[2] F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell identifikat l-erba' elementi li jridu jiġu sodisfatti kumulattivament sabiex tinstab ħtija taħt dan l-artikolu:

> *"Illi kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, l-elementi kostitutivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taħt l-art.85 tal-Kodiċi Kriminali huma erbgħa u ċioe:*

[2] Deċiża fl-14 ta' Ottubru 1944 u riportata f'Vol. XXXII.iv.768. Dawn l-elementi ġew riportati f'sentenzi oħra fosthom **Il-Pulizija vs Emanuel Muscat et**, deċiża fit-30 ta' Settembru 1996 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

*(a) L-att estern li jispolja lil ħaddieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni espressa jew preżunta ta' dan il-ħaddieħor. Il-ġurista Carrara li ħafna drabi jiġi ċċitat bħala l-pedament awtorevoli ta' dawn l-erba' elementi ta' ragion fattasi jispjega dan l-element bħala "un atto esterno che spogli altri di un bene che gode ..." Ikompli jgħid li "Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque; perchè la legge protegge lo status quo, il quale non può variarsi tranne per consenso degl' interessati, o per decreto dell'autorità giudiciale";*

*(b) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta' dritt;*

*(c) il-koxjenza tal-aġent li hu jkun qiegħed jagħmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika jew, fi kliem il-Crivellari, "la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato";*[3] *u*

*(d) n-nuqqas ta' titolu li jrendi l-fatt aktar gravi."*[4]

[3] Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, paġna 749.
[4] Ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Diċembru 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell Kriminali 17 ta' Frar 1995; **Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru 1996. Ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123.

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Eileen Said**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Ġunju 2002 intqal li:

> *"Illi kif dejjem ġie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun jrid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjetà ta' ħaddieħor per eżempju. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dar-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu d-dgawdija tagħha.*
>
> *Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun ġia jkollu. Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa."*

Ikkunsidrat;

Din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u għalhekk hija vestita biss b'kompetenza biex tanalizza l-vertenzi ta' natura penali li jkunu sottomessi lilha. Din il-Qorti ma tistax tidħol fi kwistjonijiet ċivili. Dan ifisser li permezz ta' din is-sentenza, din il-Qorti ma tistax tidħol fuq il-kwistjoni dwar jekk il-kwerelanti effettivament għandhomx dritt ta' passagg minn fuq l-għalqa tal-akkużat, kif sewwasew l-istess kwerelanti qegħdin isostnu li għandhom. Din

hija materja li trid tiġi deċiża mill-Qrati Ċivili.  Din il-Qorti sejra tindirizza biss l-punt dwar jekk jistax jingħad li fil-każ partikolari kien hemm xi turbattiva ta' xi pussess li kellhom il-kwerelanti.

Ikkunsidrat:

Għall-fini ta' dikjarazzjoni ta' ħtija, l-ewwel element fundamentali li jrid jiġi pruvat huwa jekk il-kwerelanti kellhomx pussess ta' dan il-passaġġ.  L-oneru tal-prova f'dan ir-rigward kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni u l-Parte civile. L-unika prova f'dan ir-rigward kienet biss ix-xhieda taż-żewġ kwerelanti. Saviour u Andrew Vella telgħu jixhdu u sostnew li ilhom jgħaddu minn dan il-passaġġ għal żmien immemorjali.  Il-kwerelanti jattribwixxu wkoll importanza lill-fatt li l-akkużat qalilhom li kien se jagħtihom ċavetta tax-xatba li għamel.  Isostnu li dan jikkonferma kif huma kellhom il-pussess ta' dan il-passagg.

Minn eżami tal-provi prodotti pero, il-Qorti tqis li hemm diversi elementi li ma jissuffragawx it-teżi tal-kwerelanti; anzi jqajmu dubju dwar jekk jistax jingħad li l-kwerelanti tabilħaqq kellhom pussess ta' dan il-passaġġ li ġie ostakolat bix-xatba li għamel l-istess akkużat.

Fl-ewwel lok, l-akkużat li għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri, spjega li huwa kien akkwista l-għalqa tiegħu madwar ħames snin ilu.  Tul dan iż-żmien huwa kien imur fl-għalqa b'mod regolarissimu (kull tmiem il-ġimgħa u fil-vaganzi pubbliċi) u tul dan il-perijodu ħadd qatt ma avviċinah jew kellmu jew indikalu b'dan l-allegat dritt ta' passaġġ.  Lanqas ħadd qatt ma għadda mill-għalqa tiegħu biex jaċċedi għal xi raba' ieħor.  Infatti qabel dik il-ġurnata li l-

kwerelanti marru biex ikellmuh, l-akkużat qatt qabel ma kien rahom jgħaddu mill-passaġġ għal ġewwa l-għalqa tiegħu sabiex dawn jaslu għal xi għelieqi oħra tagħhom.

L-istess akkużat kellu wkoll għaliex jifhem li ma kienx hemm drittijiet ta' passaġġi minn fuq l-għalqa tiegħu. Dan għaliex l-għalqa akkwistata minnu kienet abbandunata, kollha bajtar tax-xewk u ma kinitx tinħadem. Huwa indikattiv wkoll li Farrugia meta mar biex jara l-għalqa qabel xtraha, hu kellu bil-fors jaraha mit-triq għaliex kienet totalment inaċċessibbli.

Fix-xhieda tiegħu l-akkużat kompla jispjega kif huwa kien irranġa l-ħitan tas-sejjieħ tal-għalqa u anke bena taraġ tal-ġebel b'kantuni li huwa kien sab fl-għalqa tiegħu. Dan sabiex jissostitwixxi rampa li kienet wieqfa u ta' periklu. Il-Qorti eżaminat fid-dettal ir-ritratti esebiti minn Farrugia. Setgħet tikkonstata kif mill-istess ritratti li ittieħdu matul iż-żmien, wieħed ma jikkonkludix li kien hemm xi passaġġ li jidher li kien qed jintuża u li ġie ostakolat bil-fatt li saret ix-xatba mill-akkużat. Ir-ritratti juru abbandun totali tal-akkwati inkluż l-għelieqi mixtrija mill-akkużat; infatti l-akkużat inniffsu fix-xhieda tiegħu jistqarr kif din ix-xatba saret sabiex terzi (mhux b'riferenza għall-kwerelanti) ma jibqgħux jidħlu jagħmlu *picnics* u jmexxu l-klieb fl-għaqla tiegħu u jħammġu l-istess. L-istess ritratti jikkontradixxu wkoll dak li sostnew il-parte civile li kien hemm xi dura li allegatament tkissret mill-istess akkużat sabiex jinbnew ħitan tas-sejjiegħ.

Ta' rilevanza wkoll hija x-xhieda ta' Mario Portelli li ilu familjari mal-inħawi għal deċenni sħaħ. Għalkemm Portelli jiġi mill-akkużat u kien wieħed mill-vendituri tal-għalqa lil Farrugia, b'daqshekk ma jfissirx li x-xhieda tiegħu

għandha tiġi skartata. Portelli jispjega kif il-mogħdija tal-kwerelanti qatt ma kienet mill-post pretiż minnhom iżda kienet minn xaqliba oħra li ġiet indikata lill-Qorti waqt l-aċċess li inżamm. Dak li jixhed Portelli jagħmel sens għaliex kif ġia indikat qabel mir-ritratti esebiti mill-akkużat ma jidhirx li l-passaġġ li l-kwerelanti jsostnu li kienu jgħaddu minnu kien fil-fatt qed jintuża. Il-Qorti tagħmel riferenza għall-fatt li Portelli ma kienx qed jargumenta li bl-għeluq tal-passaġġ il-kwerelanti ma soffrew l-ebda preġudizzju għaliex għandhom mogħdija alternattiva. Kien qed jinsisti li effettivament il-kwerelanti **<u>qatt</u>** ma użaw il-mogħdija pretiża minnhom.

L-akkużat jistqarr wkoll li meta huwa ġie avviċinat mill-kwerelanti, kien ilu li għamel ix-xatba madwar sitt (6) xhur. Wieħed jistenna li jekk tabilħaqq il-kwerelanti kienu ilhom jaċċedu għall-għelieqi tagħhom minn dan il-passaġġ għal erbgħin (40) sena sħaħ, f'xi ħin jew ieħor tul dawn is-sitt (6) xhur kienu sejrin jersqu lejn l-għalqa!! Dan aktar u aktar meta wieħed iqis li parti mill-perijodu ta' dawn is-sitt (6) xhur kien propju l-istaġun tax-xitwa meta r-raba' jkun fl-aqwa tiegħu. Il-kwerelanti ma taw l-ebda raġuni għalfejn f'dawn is-sitt (6) xhur qatt ma kienu ressqu lejn l-akkwati fejn saret ix-xatba.

Il-fatt li l-kwerelanti sostnew li l-akkużat kien qalilhom li kien se jagħtihom ċavetta fil-fehma tal-Qorti mhux sufficjenti biex jikkonferma li kellhom il-pussess pretiż minnhom. Huwa ċar li Farrugia kien qalilhom dan id-diskors għax fil-verita kien beża' mill-atteġġjament aggressiv tal-kwerelanti meta dawn marru fl-għalqa tiegħu. Dan huwa konfermat mill-fatt li kien l-istess Farrugia li inizjalment għamel ir-rapport li wassal għal dawn il-proċeduri!! Dan minħabba l-fatt li huwa kien qed jibża' jmur fl-għalqa tiegħu minħabba l-atteġġjament tal-istess kwerelanti.

Fl-aħħar nett din il-Qorti ma tistax ma tinnutax li l-każ kollu ma bediex minn xi rapport inizjali tal-kwerelanti. Beda minn rapport li għamel l-istess akkużat għaliex il-kwerelanti kienu qegħdin jidħlu fl-għalqa tiegħu. Kien imbagħad wara li sar dan ir-rapport u l-Pulizija kellmu lil Saviour u Andrew Vella, li Vella sostnew li l-aċċess tagħhom ġie ostakolat. Il-Qorti tqis li kieku verament kellhom xi dritt li ġie ostakolat, kienu jkunu l-kwerelanti li jmorru jintavolaw ir-rapport l-ewwel, ħaġa li setgħu jagħmlu fl-għoxrin (20) ta' Lulju 2024 meta skont huma ġew konsapevoli tas-sitwazzjoni kif kienet. Din il-ħaġa pero l-kwerelanti m'għamluhiex.

Jeżisti għalhekk dubju dwar jekk jistax jingħad li l-kwerelanti kellhom il-pussess tal-passaġġ li qegħdin isostnu li ġie ostakolat mill-akkużat. Dan id-dubju ma jistax jiffavorixxi lill-kwerelanti. Dan għaliex fi proċeduri penali d-dubju dejjem irid imur favur l-akkużat. Għalhekk l-element tal-pussess ma jistax jitqies li ġie ippruvat. Fiċ-ċirkostanzi ikun inutili li l-Qorti tinoltra ruħha fuq l-elementi l-oħra tar-reat peress li kif ingħad l-elementi ta' dan ir-reat iridu jeżistu b'mod kumulattiv.

Il-Qorti sejra tirrileva biss li l-element intenzjonali għall-fini ta' sejbien ta' ħtija wkoll jidher li huwa nieqes. Kif ġia rilevat aktar qabel, l-installazzjoni tax-xatba da parti tal-akkużat ma jidhirx li kienet intiża biex iżżomm lill-kwerelanti milli jidħlu fl-akkwati; aktar kienet intiża biex iżżomm dħul mhux awtorizzat ta' persuni oħra li kienu qegħdin jagħmlu l-*picnics* fl-għalqa tal-akkużat u jdawwru l-klieb tagħhom fiha bil-konsegwenza li kienu qegħdin iħallu ħafna ħmieġ fl-istess għalqa.

Il-Qorti pero tagħmilha ċara li din d-deċiżjoni tagħha bl-ebda mod m'għandha tinftiehem li hija qed tippronunzja ruħha fuq il-fatt dwar jekk dan id-dritt ta' passaġġ jeżistix verament jew le.  Kif ġia ingħad din hija materja li fl-aħħar mill-aħħar trid tiġi deċiża b'mod definittiv mill-Qrati Ċivili fi proċeduri appositi.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti **mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu** u għalhekk qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

(ft) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Ghar-Reġistratur